# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2249

**Kaz Numru 2951/JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Joseph Scerri ID 450388M**

**u**

**BPC International Limited (C-20775)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur James H Pearsall**

**Illum l-Erbgha 16 ta' Ottubru 2013**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-19 ta' Awwissu 2011.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Joseph Scerri li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Dominic A Cassar.

2.2 Il-kumpanija BPC International Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn David Brockdorff, meghjun mill-Avukati Keith A. Borg u Carlos Bugeja.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Nhar l-01.08.04 ir-rikorrent beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Art Director/Designer* fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien fiss li baqa' jiggedded sakemm fl-2011 inbidel ghal wiehed minghajr terminu. Dan kien zmien meta l-kumpanija intimata kien qieghed ikollha domanda dejjem tizdied ghas-servizzi li kienet toffri. Nhar l-10.06.11 ir-rikorrent kien mgharraf li kien ser jintemmlu l-impjieg minhabba allegata *redundancy*. Ir-rikorrent ikkontesta r-raguni ghat-temma tal-impjieg, kif ukoll bil-pretensjoni li f'kaz li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi li *r-redundancy* kienet genwina, il-kumpanija intimata xorta wahda naqset li tosserva l-provvediment tal-artiklu 36(4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Alex Azzopardi, David Brockdorff u Charlotte Camileri xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Paul Mercieca, u Ivan Sciberras xehdu ghar-rikorrent.

4.3 Joseph Scerri xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni flimkien ma' Dok.DB1 sa Dok.DB11, Dok. AA1, Dok.KBX1 u estratt mir-rendikont finanzjarju awditjat datat 07.01.13.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'hames pagni flimkien ma' Dok.JS1 sa Dok.JS4, Dok.JSX1, Dok.JSX2a sa Dok.JSX2c, Dok. FS3-1 u FS3-2, u Dok.DC/JS1 sa Dok.DC/JS4.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Alex Azzopardi,** impjegat ghal dawn l-ahhar tmintax -il sena fil-kariga ta' *Financial Controller* mal-kumpanija intimate, spjega fil-qosor l-attivitajiet tal-kumpanija intimata. |ied jghid li minhabba l-krizi ekonomika globali f'dawn l-ahhar sentejn jew tlieta, ix-xoghol ta' kampaniji godda ta' reklamar naqas sostanzjalment. Ghall-istess raguni, u kuntrarju ghal dak li kien isir fl-imghoddi, il-klijenti, anki dawk li dejjem hadmu mal-kumpanija intimata, bdew jitolbu stima ghax-xoghol minghand zewg jew tliet kumpaniji u jahdmu bl-irhas prezz. Biex il-kumpanija intimata tikkumbatti dan kollu bdiet tfittex klijenti godda f'Malta u xoghol fil-Libja. Is-success fis-suq lokali kien minimu u dak fil-Libja kien inkoragganti. Izda fl-2011 sehhet krizi politika f'numru ta' pajjizi fl-Afrika ta' fuq, fosthom fil-Libja, u waqaf kollox. Minhabba f'hekk, fuq medda ta' tnax -il xahar il-kumpanija intimata hadet mizuri interni li effettwaw madwar erbatax -il impjegat fid-diversi dipartimenti. |ied jghid li r-rikorrent kien jahdem fil-kariga ta' *Art Director/Designer* fl-*istudio* kif allegatament jirrizulta minn xi dokumenti li esebixxa waqt ix-xhieda. Fiz-zmien meta ntemm l-impjieg tar-rikorrent fl-*istudio* kien hemm tliet impjegati fl-istess kariga u 'llum baqa' biss Etienne Lentini li beda l-impjieg tieghu u kien mahtur fil-kariga ta' Art Director snin qabel ir-rikorrent. Ix-xhud ikkonferma li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb hafna u li fil-bidu ta' Jannar 2011 inghata zieda fis-salarju. Kompla li hu kien ghamel spjega tad-dokument tat-temma tal-impjieg li kien talab lir-rikorrent biex jiffirma, u li r-rikorrent inghata l-avviz statutorju u thallas skond il-Ligi. Ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tieghu billi stqarr li hu ma jaf b'ebda precedent fejn impjegat mal-kumpanija intimata nghata xi kumpens aktar minn dak dovut skond il-ligi.

6.2 **David Brockdorff,** impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Managing Director,* stqarr li l-kumpanija intimata kienet twaqqfet fl-1958, u topera fl-attivitajiet relatati mar-reklamar fil-media, billi tohloq kuncetti, tfassal disinnji, tigbed films u flimkien ma' kumpanija sussidjarja tlesti materjal biex jidher fil-media. Fl-2004 meta beda fl-impjieg ir-rikorrent fil-kariga ta' *Art Director/Designer*, il-kumpanija kellha domanda dejjem tikber ghal xoghol ta' kampanji godda ta' reklamar kull gimgha li wassal lill-kumpanija biex izzid in-numru ta' *Art Directors* ghal tnejn, u aktar tard ghal tlieta. F'dan iz-zmien ir-rikorrent kien jaghmel nofs il-hin tieghu fuq xoghol ta' kampanji godda, u d-dhul minn dan ix-xoghol ta' valur gholi kien isostni tajjeb hafna r-reklutagg li sar. Wara l-2009/2010 ix-xoghol ta' valur naqas fil-kwantita u wkoll fil-prezz li seta' jinkiseb ghalih. Din il-bidla fid-domanda tidher riflessa fl-istess kontijiet tal-kumpanija

intimata. Meta gara dan ir-rikorrent u shabu fl-istess livell kienu kostretti li jahdmu f'livelli anqas mill-grad sostantiv taghhom, izda din ma kinitx sitwazzjoni mixtieqa. Minkjejja din is-sitwazzjoni, il-kumpanija intimata zammet lir-rikorrent fl-impjieg bit-tama li x-xoghol jizdied. |ied jghid li minn nofs is-sena 2010 u wara, kemm minhabba l-kompetizzjoni u wkoll minhabba t-tnaqqis fl-attivitac ekonomika madwar id-dinja, il-klijenti taghha bdew jillimitaw l-infiq taghhom fir-reklamar bil-konsegwenza li naqas ir-ritmu fil-generu tal-attivitajiet relatati mas-servizzi li hi toffri. Dan wassal biex numru ta' kumpaniji kompetituri ghalqu, u ohrajn hadu mizuri biex jikkontrollaw l-ispejjez, specjalment dawk marbutin mal-hlas tas-salarji. Fejn qabel kien ikun hemm domanda ta' kampanja gdida fil-gimgha li ggorr maghha valur gholi, din inbidlet f'wahda ghal tibdil f'kampanji antiki, jew kampanji li jaslu ghandhom ga mfassla lesti, li kien jirrizulta fi dhul dejjem jonqos. Naturalment ir-rikorrent u ohrajn fl-istess kariga kienu jaghmlu kull xoghol li jinghatalhom, izda dan kien ifisser li kienu qeghdin jahdmu f'livell anqas minn dak sostantiv taghhom u li ghalih kienu mhallsin. Hu minnu li f'dan iz-zmien fuq talba tar-rikorrent dan kien inghata zieda skalata u diferita biex tibda fl-2011, izda dan sar biex jinzamm is-servizz tieghu bit-tama li s-sitwazzjoni titjieb. Ma kien jaghmel ebda sens li l-kumpanija intimata tibda tgharraf lill-impjegati li kienet qieghda tikkonsidra li tnaqqas l-impjiegi ghaliex ahbar tali setghet tohloq paniku li jwassal impjegati jfittxu alternattiva b'detriment ghall-kontinwitac tal-ezistenza tal-kumpanija intimata. Ghalkemm talbiet ghal tibdil f'reklamar iehor ta' prezz hafna anqas zamm ir-ritmu, minhabba l-impatt li dan kellu fuq id-dhul, is-sitwazzjoni ma baqghetx sostenibbli. Ix-xhud stqarr li fid-dawl ta' dan, il-kumpanija intimata bdiet tfittex klijenti godda kemm fis-suq lokali kif ukoll fl-Afrika ta' fuq. Is-success fis-suq lokali kien minimu, izda dak fis-suq Afrikan deher li seta' joffri prospetti tajbin. Kienet akkwistata bicca xoghol wahda fis-suq Afrikan li ghaliha l-kumpanija intimata ghadha ma thallsitx. Sfortunatament dan gheb ghal kollox bil-konflitt politiku fir-regjun. Fl-2011 il-kumpanija intimata kompliet tesperjenzja tnaqqis fil-kampanji godda, u ttollerat is-sitwazzjoni ghal xi zmien. Izda meta rat li l-affarijiet ma setghux ikomplu sejrin kif kienu, bdiet tahseb f'mizuri biex titnaqqas l-ispiza kurrenti tas-salarji. Dan sar billi ma ggeddewx kuntratti ghal zmien fiss, tnaqqis fis-sighat kuntrattwali, u tnaqqis fl-impjiegi. Dawn il-mizuri effettwaw madwar tnax -il impjegat fid-diversi dipartimenti tal-kumpanija intimata. Fost dawk milquta kien hemm ir-rikorrent, wiehed minn tliet *Art Directors* li kellha l-kumpanija intimata li xogholhom, minbarra li joholqu kuncetti originali ghal kampanji, kien jinkludi wkoll is-sorveljanza ta' impjegati ohra li jahdmu f'livelli ta' *Senior* jew *Junior Graphic Artist.* Minhabba li l-parti l-kbira tax-xoghol li naqas kien dak ta' kampanji godda, kien mehtieg li jsir tnaqqis minn fost impjegati fil-kariga ta' *Art Director*. Fid-dawl ta' dan tnaqqsu l-ahhar zewg impjegati li nhatru fil-kariga ta' *Art Director*. Ix-xhud kompla jispjega li l-*Account Holders* ghandhom kuntatt dirett u kontinwu mal-klijenti u konsegwentement jafu sew il-pretenzjonijiet tal-klijenti. Hu ghalhekk li dawn ghandhom l-ahhar kelma x'ghandu jintbaghat lil-klijent. In-numru ta' *Account Holders* baqa' l-istess ghaliex dawn huma l-persuni li minnhom tiddependi l-kontinwazzjoni tal-attivita tal-bejgh, u li bil-hidma taghhom setghet tittejjeb is-sitwazzjoni tal-kumpanija intimata. L-ingagg li sar fil-frattemp kien ta' impjegati fuq bazi *part-time* u ghal zmien fiss, u x-xoghol li nghata lil-kumpaniji ohra kien jirrifletti biss it-talbiet stagjonali li jkun hemm kull sena, fil-waqt li t-taghmir li nxtara kien biex jimmodernizza taghmir iehor. Ghalkemm in-numru ta' *Account Holders* ma tnaqqasx, bdew diskussjonijiet ma' tnejn mill-impjegati biex jitnaqqsulhom is-sighat li jahdmu kull gimgha. Il-kumpanija ma hassitx htiega li torganizza taghlim tal-lingwa Gharbija fost l-impjegati. Ghalkemm ir-rikorrent kien jaf jaghmel uzu minn programm tal-lingwa Gharbija billi jaghmel *cut and paste*, xorta wahda l-kumpanija intimata dehrilha li kien aktar propizju li takkwista s-

servizz ta' persuna indigena Gharbija. L-avviz li jidher fuq il-*web site* tal-kumpanija intimata hu ghal persuna Gharbija indigena ghal zmien fiss u fuq bazi *part-time.* Meta wasal iz-zmien il-kumpanija intimata gharrfet lir-rikorrent li ma setghetx tkompli timpjegah u hallsitu dak kollu dvout bil-Ligi. Ix-xhud ma setax jikkonferma li fl-imghoddi kien inghata xi kumpens f'kaz ta' tnaqqis f'impjieg, izda jekk sar hekk kien hemm raguni u wkoll kien zmien iehor.

6.3 **L-Avukata Charlotte Camilleri**, impjegata fil-kariga ta' Konsulent Legali mal-Assocjazzjoni ta' min Ihaddem, stqarret li fix-xoghol taghha taghti pariri legali, tiskrutinja kuntratti, tfassal regoli u proceduri u taghti tahrig lir-rapprezentanti tal-kumpaniji membri, fosthom il-kumpanija intimata. |iedet tghid li zmien minnhom kienet intalbet u tat parir lill-kumpanija intimata rigwardanti ristrutturar mehtieg li seta' jwassal ghal tnaqqis u tibdil fl-impjiegi. Ix-xhud kompliet tikkonferma li hi kienet spjegat il-mizuri alternattivi li setghu jittiehdu u l-konsegwenzi taghhom.

6.4 **Paul Mercieca,** Direttur mal-kumpanija Deloitte Auditing Limited, ezentat mis-sigriet professjonali, stqarr li hu jaghmel l-awditjar tal-kontijiet tal-kumpanija intimata u li l-istess kumpanija ilha taghmel dan ghal dawn l-ahhar erbghin sena. Ix-xhud ipprezenta dokument li kien mitlub ifassal minn Alex Azzopardi biex ikun esebit fit-Tribunal Industrijali. Ix-xhud spjega li d-dokument juri d-dhul u l-profitti tal-kumpanija intimata ghaz-zmien bejn l-2000 u l-2011. Il-profitt gross li jidher fid-dokument huwa d-dhul mill-bejgh wara li jitnaqqsu l-ispejjez diretti, u qabel jitnaqqsu l-ispejjez amministrattivi u spejjez ohra.

6.5 **Joseph Scerri,** ir-rikorrent ex-impjegat fil-kariga kuntrattwali ta' *Art Director/Designer*, stqarr li s-sengha tieghu hi ta' *art direction/graphic design*, u din kienet il-kariga li kellu maz-zewg kumpaniji li kien jahdem maghhom qabel ma beda fl-impjieg mal-kumpanija intimata. |ied jghid li kien konxju mill-fatt li skont dak li kien jidher f'dan l-avviz mahrug mill-kumpanija intimata, min jinghazel kien mistenni li minbarra x-xoghol ta' tahrig lill-impjegati subordinati lejh u s-sorveljanza taghhom, kien ukoll mistenni li jaghmel xoghol ta' *graphic design*. Meta beda fl-impjieg kien hemm impjegat iehor fil-kariga ta' *Art Director* u zmien wara saru tlieta, u dawn kienu l-oghla tliet karigi fl-*istudio*. Ix-xhud spjega l-process komplut minn meta tasal domanda ghal kampanja ta' reklamar minghand il-klijent, fejn jekk ix-xoghol ikun jirrikjedi *art direction* kien jinghata lill-*Art Director* li jizviluppa l-kuncett u wara kull wiehed mill-impjegati fil-grupp jikkontribwixxi b'xoghol fuq id-disinnji sat-tmiem tal-progett. F'kaz ta' htiega gie li ha hsieb ukoll is-supervizjoni ta' impjegati ta' gruppi ohra minbarra dak tieghu meta xi wiehed mill-*Art Directors* kien ikunu assenti mix-xoghol ghal kwalsijasi raguni. Fl-ewwel snin tal-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata fl-*istudio* kienu jaghmlu hafna xoghol ta' kampanji mill-bidu sal-ahhar, u hu kien jiehu hsieb il-kumpaniji ta' Farsons u l-Bank HSBC. F'dan iz-zmien il-kontribut tieghu fil-livell ta' *art direction* kien ivarja bejn 10% u 15% tal-hin tieghu. Il-kumplament tal-hin kien jaghmel xoghol ta' *graphic design*. Fl-istess waqt stqarr li matul l-impjieg tieghu mal-kumpanija intimata hu kien jahdem fi grupp ta' bejn tliet u erba' impjegati li kien jinkludi lilu bhala Kap, u tnejn jew tliet impjegati ohra fil-karigi ta' jew *Senior* jew *Junior Graphic Designer*. F'dan il-grupp hu kellu l-inkarigu li jorigina l-kuncetti (Ix-xhieda tal-15.04.13 Pagna 15) u li jissorvelja x-xoghol tal-impjegati f'livelli anqas minn tieghu. Wara l-2007 hafna mix-xoghol ta' kampanji kien jigi lest minn barra u huma kienu rikjesti jaghmlu biss tibdil fihom. Konsegwentement ix-xoghol ta' *art direction* naqas u dak ta' *graphic design* zdied. Ix-xhud spjega li meta hadem barra minn Malta l-affarijiet kienu differenti, ghaliex l-*Art Director* kien jaghmel xoghol ta' *art direction* biss. Fl-2010 talab

zieda fis-salarju, u din inghatat fuq medda ta' xhur, izda ma setax jikkonferma kemm kellhom paga l-impjegati li kien jissorvelja. Waqt il-laqgha li kellu ma' David Brockdorff nhar it-temma tal-impjieg, dan gharrfu li kien naqas ix-xoghol u l-kumpanija intimata kienet ser ittemmlu l-impjieg flimkien ma' dak ta' Ivan Sciberras. Fl-istess waqt David Brockdorff qallu li ma setax joffrilu kariga anqas ta' *Senior Graphic Designer* fil-kumpanija intimata. Ix-xhud qal li Paul Caruana fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist* kien irrizenja minn mal-kumpanija intimata u meta rega' dahal lura suppost li s-servizz tieghu gie anqas minn tieghu. Konsegwentement ippretenda li f'kaz ta' tnaqqis fl-impjiegi, l-impjieg ta' din il-persuna u ta' ohrajn kellhom jintemmu qabel dak tieghu. Ix-xhud temm ix-xhieda tieghu billi qal li wara l-laqgha xejn ma hassu tajjeb u ghalhekk ma ghamel ebda talba biex jinbidel it-titlu tal-kariga li tnizzlet fid-dokumenti relatati mat-temma tal-impjieg. |ied jghid li ma kellux ghazla hlief li jiffirma d-dokument statutorju tat-temma tal-impjieg. Fi tmiem ix-xhieda tieghu ir-rikorrent esebixxa kopji ta' erba' *payslips* tieghu minn fejn jirrizulta li l-kariga tieghu ma kinitx indikata.

6.6 **Ivan Sciberras**, ex-impjegat fil-kariga kuntrattwali ta' *Senior Graphic Designer/Art Director*, stqarr li jum fost l-ohrajn fl-2005 kien mistieden minn David Brockdorff ghal intervista li wasslet ghal offerta ta' impjieg fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist*. Wara zmien inghata kuntratt iehor fil-kariga ta' *Senior Graphic Artist/Art Director* u beda fl-impjieg wara r-rikorrent. F'dan iz-zmien kien jaghmel 30% tal-hin tieghu fuq xoghol ta' kampanji godda u l-kumplament fuq xoghol iehor relatat ma' *graphic design* skond il-htiega. Ix-xoghol primarju matul id-durata tat-tieni kuntratt kien jinkludi xoghol ta' origini ta' kuncetti u supervizjoni tax-xoghol ta' impjegati ohra fil-karigi ta' *Senior u Junior Graphic Designers*. |ied jghid li x-xoghol kien jitqassam skont il-klijent u ghalkemm hu kien japprova l-hrug tax-xoghol mit-*team* tieghu, id-decizjoni tieghu gie li nbidlet minn persuna b'kariga ezekuttiva. Nhar il-jum tat-temma tal-impjieg wasallu messagg elettroniku biex fi tmiem il-jum jiltaqa' ma' David Brockdorff. Matul din il-laqgha kien mgharraf li minhabba n-nuqqas ta' xoghol li kellha l-kumpanija intimata kien qieghed jinghata avviz tat-temma tal-impjieg. F'dan il-waqt fakkar lil David Brockdorff li hu kien jaghmel xoghol f'kull livell u galadarba Paul Caruana kien dahal warajh kellu l-ewwel jintemm l-impjieg ta' min dahal warajh. |ied jghid li kien issuggerixxa wkoll li kien lest jaccetta xi tnaqqis fis-salarju, izda David Brockdorff qallu li ma setax isir dak li kien qieghed jitlob. Wara li hareg kien ikkonfondut u meta ltaqa' ma' Alex Azzopardi ffirma d-dokumenti li tah minghajr hsieb.

## *7.* Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Keith A. Borg f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li fid-dikjarazzjoni tieghu r-rikorrent sejjes il-kaz fuq tliet pilastri kif jidher hawn taht:

- Id-domanda ghax-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent ma naqsitx, u konsegwentement ma tqumx il-kwistjoni ta' *redundancy*.

  - Kuntrarju ghal dan, il-provi juru li l-kumpanija intimata giet severament impatta mid-diklin ekonomiku tal-ahhar snin, b'mod partikulari fl-2011 meta ntemm l-impjieg tar-rikorrent. L-isforzi tal-kumpanija intimata lokalment u barra l-pajjiz ma kellhomx is-success mixtieq u dan kollu wassal ghal tnaqqis konsiderevoli fid-

dhul finanzjarju tal-kumpanija intimata, li inevitabbilment irrizulta fil-mizuri varji li hadet il-kumpanija intimata. Il-mizuri varji li segwew kienu jinkludu tnaqqis fl-impjiegi fl-*istudio* fejn kien hemm tliet impjegati fil-kariga ta' *Art Director*. Wara t-temma tal-impjieg ix-xoghol ta' *Art Director* kompla bl-impjieg tal-persuna li kellha l-itwal servizz fil-kariga.

- Ir-rikorrent ma kienx impjegat fil-kariga ta' *Art Director*, izda f'dik ta' *Art Director/Designer*.

  - o Il-provi juru li sa mill-bidu tal-impjieg tieghu ir-rikorrent kien jahdem fl-*istudio* fil-kariga ta' *Art Director/Designer* u nghata zidiet fil-paga konformi mar-responsabbiltajiet li kellu. Minbarra hekk, hu kien inkarigat u jissorvelja x-xoghol ta' *Senior* u *Junior Graphic Artists,* il-*business cards* kien juruh bhala *Art Director,* u wkoll l-istess kariga tnizzlet fid-dokumenti li nghatawlu mat-temma tal-impjieg li ma kinux kontestati. Minbarra dan kollu l-istess rikorrent ikkonferma li matul l-ahhar tas-sena 2010 sakemm intemmlu l-impjieg spicca jaghmel hafna aktar xoghol ta' *Junior* u *Senior Graphic Artist* minn dak ta' *Art Director.*

- Fil-kaz tieghu ma kienx segwit il-provvediment statutorju ta' min jidhol l-ahhar jintemmlu l-impjieg l-ewwel.

  - o Kif jirrizulta mill-provi r-rikorrent kellu anqas servizz minn Etienne Lentini u aktar minn Ivan Sciberras. L-ahhar tnejn li kienu impjegati fil-kariga ta' *Art Director* intemmilhom l-impjieg l-ewwel, u fl-*istudio* baqa' biss min kellu l-itwal servizz. L-istess jirrizulta jekk ir-rikorrent jitqies li kellu l-kariga ta' *Senior Graphic Artist*. Dan ghaliex l-assenza ta' Paul Caruana ghal xi zmien mill-kumpanija intimata ma ttellfux l-anzjanitac tas-servizz.

7.1.2 Ghamel riferenza ghal diversi sentenzi fil-Qorti tal-Appell li huma rilevanti ghall-kaz u talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impjieg tar-rikorrent kienet ghal raguni ta' *redundancy.*

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Dominic A. Cassar f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumenta li:

- Il-kariga tar-rikorrent kienet preponderament dik ta' *Graphic Designer* u sekondarjament ta' *Art Director*. Dan jirrizulta mid-deskrizzjoni tax-xoghol li tidher f'artiklu 4 tal-kuntratt tal-impjieg, u mix-xhieda tal-istess rikorrent fejn spjega x-xoghol li kien jaghmel.

- L-allokazzjoni tax-xoghol lill-impjegati fl-istudio tal-kumpanija intimata kienet issir fuq bazi ta' min mill-impjegati kien abbinat mal-klijent, u mhux mod iehor. Minn dan tirrizulta l-konferma li r-rikorrent kien jibda l-progett tal-klijent abbinat mieghu billi jaghmel ix-xoghol krejattiv li jappartjeni lill-kariga ta' *Art Director,* u jkompli b'dak kollu li jkun mehtieg wara, li jappartjeni l-kariga ta' *Graphic Designer*.

- Sa mill-2006 'il quddiem, ix-xoghol ta' *art direction* naqas sostanzjalment, izda r-rikorrent kompla jaghti l-kontribut tieghu u qatt ma kien allegat li dan kien nieqes mill-kompetenza mistennija.

- Ma jirrizultax mill-provi li x-xoghol ta' *graphic design* naqas tant li jiggustifika l-azzjoni li hadet il-kumpanija intimata versus ir-rikorrent. Il-kontijiet finanzjarji li esebiet il-kumpanija intimata mhumiex l-ahjar prova li kienet obbligata  ggib il-kumpanija intimata. L-avviz li kien jidher fuq il-*website* tal-kumpanija intimata ghal *Graphic Designer*, anki wara t-temma tal-impjieg tar-rikorrent, ikompli jsahhah it-tezi tar-rikorrent li ma kienx hemm lok ta' *redundancy*. Minbarra dan, l-istess argument ikompli jissahhah bil-fatt li fl-2010, minflok li l-kumpanija intimata gharrfet lir-rikorrent bis-sitwazzjoni allegatament prekarja rigwardanti l-impjieg tieghu, ziditlu l-paga.

- Meta l-kumpanija intimata imbarkat fuq ezercizzju ta' ristrutturar biex tnaqqas l-ispejjez, naqset li tikkonforma mal-Ligi, u l-ghazla taghha waqghet fuq dawk li kellhom salarji gholjin fl-istudio.

- L-interpretazzjoni tal-kumpanija intimata tal-artiklu 36(6) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta hi zbaljata, u dan ghaliex ma gharfitx il-limitazzjoni tal-applikabbiltac tal-istess artiklu.

7.2.2 Ghamel riferenza ghal diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li huma rilevanti ghall-kaz in kwistjoni.

7.2.3 Fid-dawl ta' dan kollu talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-kumpanija intimata temmet l-impjieg tar-rikorrent minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

**8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali**

8.1 Ghalkemm ma hemmx tifsira ta' *redundancy* fil-Ligi Maltija jirrizulta li l-Qrati Maltin segwew il-kazistika Ingliza ghall-istess, kif citat fis-sentenza fl-ismijiet **Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C.-23 ta' Mejju 2008) fejn gie affirmat li:

"Fuq din il-materja ta' *redundancy* jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbiliet dawn il-linji gwida, u cioe:-

*(a) was the employee dismissed?;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employee to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs?*

8.2 Jirrizulta mix-xhieda mhux kontestata tar-rikorrent li fiz-zmien li ntemm l-impjieg, u wkoll minn zmien qabel, ir-rikorrent kien jaghmel xoghol normalment assocjat kemm mal-karigi ta' *Art Director* kif ukoll ma' dik ta' *Designer* jew *Senior Graphic Artist*. Jirrizulta wkoll li sa mill-2008 'l quddiem, id-dhul globali tal-kumpanija intimata beda jonqos. Dan wassal lill-kumpanija intimata biex fl-2011 tikseb parir

professjonali rigwardanti dak li setghet taghmel biex tamministra legalment dawk il-mizuri permessi li taghmel skond il-Ligi. Id-decizjonijiet li ttiehdu kellhom effett, u hadu forom differenti fuq numru ta' impjegati f'diversi dipartimenti konformi mal-kuntratt u max-xoghol li kienu jaghmlu.

8.3 Il-pern ewlieni ghar-rizoluzzjoni gusta ta' din il-kwistjoni tax-xoghol jistrieh fuq it-tifsira li ghandha tinghata lill-frazi "fil-klassi tal-impjieg" li tidher fl-artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-kaz meta impjegat ikollu kariga kuntrattwali b'nomenklatura doppja, u mhux tal-istess livell fil-gerarkija tal-organizzazzjoni, u wkoll li fil-kors normali tax-xoghol ikun jaghmel xoghol relatat maz-zewg karigi bhalma hu l-kaz in ezami. hadd ma ghandu jippretendi li f'kaz ta' htiega li jitnaqqsu l-impjiegi, impjegat jew Principal ghandhom jithallew jaghzlu liema wahda miz-zewg karigi ghandha titqies dik sostantiva skont kif jaqbel lill-parti jew lill-ohra ghall-iskop ta' konformita mal-Ligi.

8.4 Jirrizulta mix-xhieda li hemm attivitajiet fost ix-xoghol ta' *Art Director* mal-kumpanija intimata li ma jinstabux fix-xoghol ta' *Designer* jew *Senior Graphic Artist* u gradi ohrajn ta' livell anqas. Dan minhabba li fil-kaz tal-ewwel kariga, ix-xoghol tal-impjegat jinkludi element ta' kapacita li jikkreja kuncetti u jaghmel supervizjoni tax-xoghol tal-impjegati fi gradi anqas minn tieghu. Mill-istess xhieda jirrizulta wkoll li x-xoghol ta' *Senior Graphic Artist* jew ta' gradi anqas ma jkunx processat ghal ghand il-klijent minghajr l-approvazzjoni tal-*Art Director*. L-ammont tas-salarju awmentat li kien jithallas lir-rikorrent fil-kariga ta' *Art Director/Designer* ukoll jghin biex tinftiehem il-frazi "fil-klassi tal-impjieg" ghall-kaz in ezami.

8.5 Jirrizulta mix-xhieda li x-xoghol ta' *Art Director* hu dejjem mehtieg biex il-kumpanija intimata tkompli bis-servizzi taghha. Il-provi juru li minkejja t-temma tal-impjieg ta' zewg impjegati li kienu jaghmlu attivatjiet assocjati ma' *art direction,* dan ix-xoghol fil-fatt tkompla minn persuna wahda minflok minn tlieta.

8.6 Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent allega wkoll li fil-kunsiderazzjoni taghha rigwardanti t-tul ta' servizz bejnu u bejn impjegati ohra fil-karigi ta' *Junior* u *Senior Graphic Artists,* il-kumpanija intimata ma segwietx korrettament il-provvediment tal-artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-allegazzjoni ghandha tkun kkonsidrata biss jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-grad sostantiv tar-rikorrent immedjatament qabel it-temma tal-impjieg kien ta' *Designer* jew *Senior Graphic Artist* u mhux ta' *Art Director*.

8.7 Matul il-mori tal-kaz il-kariga ta' *Designer* kienet qieghda tintuza b'mod sinonimu ma' dik ta' *Senior Graphic Artist*.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li:

9.1 Ghalkemm ir-rikorrent kien jaghmel xoghol li jappertjeni l-karigi ta' *Art Director* u *Designer* jew *Senior* u *Junior Graphic Artist*, u dan b'sens ta' flessibilita, kien hemm attivitajiet fix-xoghol tieghu li kienu jappertjenu biss il-kariga ta' *Art Director* u li flimkien mal-hlas tas-salarju li kien jircievi, kienu jikkonfermaw li l-grad sostantiv tar-rikorrent immedjatament qabel it-temma tal-impjieg kien ta' *Art Director*, u mhux ta' *Designer* jew *Senior Graphic Artist.*

9.2 Galadarba l-grad sostantiv tar-rikorrent qabel it-temma tal-impjieg kien dak ta' *Art Director,* it-temma tal-impjieg tar-rikorrent saret ghal raguni ta' *redundancy*, u saret konformi mal-provvediment tal-artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

---

**James. H.Pearsall**
**Chairman**